

31994L0001

L 23/28

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

28.1.1994

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 94/1/KE

tas-6 ta' Jannar 1994

li tadotta ċerti teknikalitajiet tad-Direttiva tal-Kunsill 75/324/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-aerosol dispensers

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 75/324/KEE tal-20 ta' Mejju 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar l-aerosol dispensers⁽¹⁾, kif l-aħħar emendati permezz ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 (3) tiegħu,

Billi l-klawsola ta' sigurtà li tinsab fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 75/324/KEE ġiet applikata minn Stat Membru wieħed;

Billi l-miżuri ta' sigurtà adottati huma ġustifikati in vista tar-riskji assoċjati mal-użu miżjud ta' aerosol dispensers ta' propellants li jistgħu jaqdbu f'malajr ħafna bħala sostituti għal chlorofluorocarbons (CFCs);

Billi ċerti sustanzi u/jew preparazzjonijiet li jinsabu f'ċerti aerosol dispensers jistgħu jaqdbu malajr;

Billi d-dispożizzjonijiet preżentement fis-seħħ mhumiex biżżejjed biex jipprevjenu ċerti aerosol dispensers milli jikkostitwixxu riskju għas-sigurtà; billi dawn id-dispożizzjonijiet għandhom għalhekk ikunu adattati;

Billi ċerti aerosol dispensers, filwaqt li għandhom sustanzi li jaqdbu u/jew preparamenti, ma jippreżentawx riskju ta' ħruq, billi deroga minn ċerti ħtiġijiet ta' tikkettjar għandha għalhekk tingħata;

Billi d-dispożizzjonijiet li jinsabu f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-kumitat dwar l-adozzjoni ta' progress tekniku,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Direttiva 75/324/KEE hija b'dan emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 8(1)(d) jinbidel b'dan li ġej:

"(d) id-dettalji msemmija fil-punti 2.2 u 2.3 tal-Anness;"

2. Dan l-Artikolu li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 9:

"Artikolu 9a

Meta l-persuna responsabbli għat-tqegħid fis-suq ta' aerosol dispensers ikollha fil-pussess tagħha riżultati ta' test jew xi data oħra li turi li għalkemm daww l-aerosol dispensers

għandhom kontenut li jaqbad dawn ma jippreżentawx xi riskju li jaqdbu taħt kundizzjonijiet ta' użu normali jew li jistgħu jkunu mbassra b'mod raġonevoli, din tista' fir-responsabbiltà personali tagħha tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet tal-punti 2.2 (b) u 2.3 (b) tal-Anness.

Din għandha tagħmel kopja ta' daww id-dokumenti disponibbli lill-Istati Membri.

F'dak il-każ il-kwantità ta' materjal li jaqbad li jinsab fl-aerosol dispenser għandha tkun iddikjarata b'mod ċar fuq it-tikketta, fil-forma tal-kliem li ġejjin b'mod leġibbli u li ma jitħassarx: 'X % tal-massa tal-kontenut jista' jaqbad'."

3. L-Anness hu emendat kif muri fl-Anness ta' hawnhekk.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-1 ta' Ottubru 1994. Dawn għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

Meta Stati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din fiż-żmien tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal dik ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

Dawn għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' April 1995.

2. Stati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Jannar 1994.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membru tal-Kummissjoni

(¹) ĠU L 147, 9.6.1975, p. 40

ANNEX

L-Anness tad-Direttiva 75/324/KEE hu emendat kif ġej:

(a) Punt 1.8 hu sostitwit b'dan li ġej:

"1.8. Kontenut li jaqbad

'Kontenut li jaqbad' tfisser is-sustanzi u preparazzjonijiet li jikkorrispondu mal-kriterji stabbiliti għall-kategoriji 'jista' jaqbad malajr ħafna', 'jaqbad malajr' u 'jista' jaqbad' u elenkati fl-Anness VI tad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE.

Il-flammabilità u l-punt meta jaqbad tal-kontenut tal-kontenitur għandhom ikunu stabbiliti bl-użu ta' metodi speċifiċi kif deskritt fil-Parti A tal-Anness V tad-Direttiva hawn fuq imsemmija."

(b) Punt 2.2 hu sostitwit b'dan li ġej:

"2.2. Tikkettjar

Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva li tirreferi għall-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u it-tikkettjar ta' sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi, b'mod partikolari għar-rigward ta' periklu għas-saħħa u/jew l-ambjent, kull aerosol dispenser għandu juri b'mod viżibbli l-marki li ġejjin b'mod leġibbli u li ma jitħassarx:

- (a) Ikun xi jkun il-kontenut tiegħu: 'Kontenitur taħt pressjoni: ipproteġi mid-dawl tax-xemx u tesponix għal temperatura li teċċedi l-50 °C. Ittaqqabx u tahrax, anke wara li tkun użajtu.';
- (b) Meta l-kontenut ikun jista' jaqbad skond it-tifsira tal-punt 1.8: is-simbolu tal-fjamma fejn xieraq, l-indikazzjoni li s-sustanzi u/jew preparazzjonijiet li jinsabu fl-aerosol dispenser, inkluż il-propellant jistgħu jaqbdu u l-frazzjiet ta' riskju rilevanti stabbiliti b'mod konformi mal-kriterji fil-punti 2.2.3, 2.2.4 jew 2.2.5 tal-Anness VI tad-Direttiva 67/548/KEE u, għar-rigward is-simbolu tal-fjamma u l-indikazzjoni ta' periklu, b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Anness II tad-Direttiva hawn fuq imsemmija.

2.3. Dikjarazzjonijiet speċjali dwar l-użu

Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva li tirreferi għall-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u it-tikkettjar ta' sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi, b'mod partikolari għar-rigward ta' periklu għas-saħħa u/jew l-ambjent, kull aerosol dispenser għandu juri b'mod viżibbli l-kliem li ġejjin b'mod leġibbli u li ma jitħassarx:

- (a) Ikun xi jkun il-kontenut tiegħu: il-prekawzzjonijiet addizzjonali ta' operazzjoni li jwissu lill-konsumaturi għall-perikli speċifiċi tal-prodott;
- (b) Meta l-kontenut ikun jista' jaqbad it-twissijiet li ġejjin:
 - 'Tissprejjaq fuq il-fjamma jew fuq xi materjal inkandexxenti.'
 - 'Żomm 'il bogħod minn sorsi li jistgħu jieħdu n-nar – Tpejjiplx.'
 - 'Żomm 'il bogħod minn fejn jintlaħaq mit-tfal'."